

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1777**tal-5 ta' Ottubru 2015****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 208/2014.
- (2) Fuq il-bażi ta' revizzjoni mill-Kunsill, l-entrata għal persuna minnhom għandha tiġi emendata.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 208/2014 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 208/2014 għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

N. SCHMIT

⁽¹⁾ ĠUL 66, 6.3.2014, p. 1.

ANNEX

L-entrata għall-persuni li ġejjin li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 208/2014 tinbidel b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
10.	Serhii Petrovych Kliuiev (Сергій Петрович Ключев), Serhiy Petrovych Klyuyev	Imwielew fid-19 ta' Aw- wissu 1969, hu s-Sur An- drii Kliuiev, negozjant.	Persuna soġġetta għal proċedimenti kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għal involviment fil-miżapproprjaz- zjoni ta' fondi jew assi pubbliċi. Per- suna assoċjata ma' persuna indikata (Andrii Petrovych Kliuiev) soġġetta għal proċedimenti kriminali mill- awtoritajiet Ukreni għal miżappro- prijazzjoni ta' fondi jew assi pub- bliċi.	6.3.2014